2024/2948

3.12.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2948

tad-29 ta' Novembru 2024

dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni ta' ċerti sustanzi attivi għall-użu fil-prodotti bijoċidali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 89(1), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fl-Anness II tiegħu, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 [2] jistabbilixxi lista tal-kombinamenti ta' sustanza attiva/tip ta' prodott inklużi fil-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi eżistenti li jinsabu fil-prodotti bijoċidali.

(2) Għal għadd ta' kombinamenti ta' sustanza attiva/tip ta' prodott inklużi f'dik il-lista, il-parteċipanti kollha rtiraw, jew qed jitqiesu li rtiraw, l-appoġġ tagħhom fil-ħin.

(3) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") ippubblikat sejħa miftuħa biex jittieħed ir-rwol ta' parteċipant għal dawk il-kombinamenti ta' sustanza attiva/tip ta' prodott li għalihom ir-rwol ta' parteċipant ma kienx ittieħed qabel. Għal dawk il-kombinamenti ma ġiet ippreżentata l-ebda notifika lill-Aġenzija fil-limitu ta' żmien previst fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014. Għalhekk, dawk il-kombinamenti ta' sustanza attiva/tip ta' prodott, f'konformità mal-Artikolu 20, l-ewwel paragrafu, il-punt (b), ta' dak ir-Regolament ta' Delega, jenħtieġ li ma jiġux approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali. Dawk il-kombinamenti ta' sustanza attiva/tip ta' prodott huma dawn li ġejjin:

   (a) fidda adsorbita fuq id-diossidu tas-siliċju (bħala nanomaterjal fil-forma ta' aggregat stabbli b'partikoli primarji fin-nanoskala) (tip ta' prodott 9);

   (b) p-[(Dijodometil)sulfonil]toluwen (tipi ta' prodott 6, 7, 9 u 10).

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanzi attivi elenkati fl-Anness mhumiex approvati għat-tipi ta' prodott indikati fih.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/1062/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Kombinamenti ta' sustanza attiva/tip ta' prodott mhux approvati:

Numru tal-entrata fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1062/2014	**Isem is-sustanza**	**Stat Membru relatur**	**Numru KE**	**Numru CAS**	**Tip ta' prodott(i)**
1017	Fidda adsorbita fuq id-diossidu tas-siliċju (bħala nanomaterjal fil-forma ta' aggregat stabbli b'partikoli primarji fin-nanoskala)	SE	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	9
554	p-[(Dijodometil)sulfonil]toluwen	CH	243-468-3	20018-09-1	6, 7, 9 u 10